



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Diċembru 2016  
(OR. en)

15029/16

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2016/0386 (NLE)**

---

**PECHE 457**

## **PROPOSTA**

|                   |                                                                                                                                                                              |
|-------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur                                                                              |
| data meta waslet: | 7 ta' Diċembru 2016                                                                                                                                                          |
| lil:              | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                          |
| Nru dok. Cion:    | COM(2016) 781 final                                                                                                                                                          |
| Suġġett:          | Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 781 final.

---

Mehmuż: COM(2016) 781 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 7.12.2016  
COM(2016) 781 final

2016/0386 (NLE)

Proposta għal

## **REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi  
ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

- **Raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ifittex jiżgura li r-riżorsi akkwatiċi ħajjin huma sfruttati f'kundizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli. Għodda importanti f'dan ir-rigward hija l-istabbiliment annwali tal-opportunitajiet tas-sajd.

L-għan ta' din il-proposta huwa l-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd għall-Istati Membri għall-2017 fir-rigward tal-iktar stokkijiet ta' ħut kummerċjalment importanti fil-Baħar l-Iswed.

- **Kuntest Ġenerali**

L-istokkijiet tal-Baħar l-Iswed sfruttati mill-Bulgarija u mir-Rumanija huma kondiviżi ma' pajjiżi li mhumix parti mill-UE, pereżempju, it-Turkija, l-Ukrajna, il-Georgia u l-Federazzjoni Russa. Madankollu ma hemm l-ebda deċiżjoni dwar il-qabdiet totali permissibbli (TACs) fil-livell reġjonali bejn il-pajjiżi tal-UE u daww li mhumix tal-UE. L-Unjoni Ewropea ilha, kull sena mill-2008 'l hawn, tistabbilixxi kwoti awtonomi għall-barbun imperjali u għal-laċċa kaħla sabiex tgħin fl-iżgurar tal-applikazzjoni tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd (PKS).

Is-sajd li jisfrutta l-laċċa kaħla huwa ta' importanza soċjoekonomika kbira għall-pajjiżi max-xtut tal-Baħar l-Iswed. Skont il-valutazzjoni tal-Baħar l-Iswed għall-2015-2016 tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (I-STEFCF), is-sehem tal-pajjiżi tal-UE fil-Baħar l-Iswed mill-qbid għal-laċċa kaħla fl-2014 kien jirrappreżenta 4 % tal-ħatt l-art irrappurtat uffiċjalment; fl-2013 il-perċentwal kien 14 % u fl-2012, 9 %. Skont ir-rapport tas-sessjoni tal-2016 tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM), l-istatus tal-istokk tal-laċċa kaħla fil-Baħar l-Iswed huwa sfruttat b'mod sostenibbli.

Is-sajd li jisfrutta l-barbun imperjali huwa ta' importanza soċjoekonomika kbira lill-pajjiżi max-xtut tal-Baħar l-Iswed. Skont il-valutazzjoni tal-Baħar l-Iswed 2015-2016 tal-STEFCF, l-istokk tal-barbun imperjali tnaqqas drastikament. Skont ir-rapport tas-sessjoni tal-2016 tal-GFCM, dwar l-istatus, l-istokk tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed huwa sfruttat iżżejjed u qed jibqa' jiġi sfruttat iżżejjed. Is-sehem tal-pajjiżi tal-UE mill-qbid għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed fl-2014 kien jirrappreżenta 7 % tal-ħatt l-art irrappurtat uffiċjalment flimkien mal-istimi IUU, fl-2013 il-perċentwal kien 5,5 % u fl-2012, 4,6 %. Għalhekk, għal dawn l-aħħar snin il-ħtieġa li jkun stabbilit programm ta' rkupru internazzjonali għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed kienet waħda mill-prijoritajiet tal-Kummissjoni. Sar progress f'dan ir-rigward fis-Sessjoni Annwali tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) tal-2015 meta ġiet approvata l-proposta tal-UE għal miżuri li jevitaw, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd IUU għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed<sup>1</sup>, u fis-sessjoni annwali

---

<sup>1</sup> Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/39/2015/3 li tistabbilixxi sett ta' miżuri li jevitaw, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-

tal-GFCM tal-2016 meta ġiet adottata l-proposta tal-UE għall-monitoraġġ, il-ġestjoni u l-kontroll xjentifiku għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed<sup>2</sup>.

Is-sehem tal-qabdiet bejn pajjiżi riparji għe modifikat b'mod drastiku minħabba l-integrazzjoni reċenti tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa, li waslet għar-ridefinizzjoni taż-żoni ekonomiċi esklussivi fil-Baħar l-Iswed.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq il-konsultazzjoni dwar l-opportunitajiet tas-sajd fl-2016 (COM(2015) 239 final), tiddeskrivi l-kuntest tal-proposta.

Din is-sena, il-ġbir ta' dejta ma jkunx disponibbli minħabba problemi fid-disponibbiltà tad-dejta fir-rigward ta' sorsi li mhumiex tal-UE. Għaldaqstant, il-parir xjentifiku dwar l-opportunitajiet ta' sajd fil-Baħar l-Iswed għall-2017 mhux se jingħata mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd matul is-sessjoni skedata f'Settembru 2016, għar-raġuni invokata li ġiet posposta *sine die*. Il-parir xjentifiku disponibbli f'dan l-istadju jikkorrispondi għall-evalwazzjoni tal-istokkijiet konċernati li saret is-sena l-oħra mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd u f'Marzu 2016 mill-Grupp ta' Ħidma dwar valutazzjoni tal-istokkijiet tal-GFCM. B'kont meħud tal-istatus inkwetanti tal-barbun imperjali kkonfermat mill-GFCM fl-2016, l-analiżi dwar l-istatus taż-żewġ stokkijiet se tibqa' l-istess: sfruttament żejjed.

Jekk eventwalment jsiru disponibbli pariri u informazzjoni ġodda, il-proposta tkun trid tiġi aġġornata mill-STECEP jew mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-valutazzjoni tal-istokkijiet tal-GFCM. Il-valutazzjoni ta' dan il-Grupp ta' Ħidma mhix se tiġi approvata mill-GFCM qabel it-tieni kwart tal-2017. Għalhekk, ir-riżultat ta' dan il-grupp jista' jkun ta' indikazzjoni, iżda ma setax jitqies bħala parir xjentifiku konsolidat uffiċjali.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

L-opportunitajiet tas-sajd u l-mod li bih huma allokat lill-Istati Membri huma rregolati kull sena. L-aħħar att legali ta' dan it-tip huwa r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2016/73<sup>3</sup> tat-18 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar l-Iswed.

Minbarra l-opportunitajiet tas-sajd annwali, għas-sajd tal-Baħar l-Iswed kopert b'din il-proposta għandhom jissemmev il-miżuri rilevanti li ġejjin:

- Id-daqsijiet minimi ta' konservazzjoni u d-daqsijiet minimi tax-xbieki fir-rigward tas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed huma stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 227/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013<sup>4</sup> li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1434/98 li jispeċifika l-kondizzjonijiet li taħthom jistgħu jinħattu l-arangi għal skopijiet industrijali li mhux għall-konsum dirett tal-bniedem.

---

Iswed adottata mill-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) fid-39 sessjoni tagħha (Milan, Mejju 2015).

<sup>2</sup> Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/40/2016/6 dwar il-monitoraġġ, il-ġestjoni u l-kontroll xjentifiku fil-Baħar l-Iswed (GSA29) adottata mill-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) fl-40 sessjoni tagħha (St Julian, Mejju-Ġunju 2016).

<sup>3</sup> ĠU L 19, 19.01.2015, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU L 78, 20.3.2013, p. 1.

- Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/37/2013/2 li tistabbilixxi sett ta' standards minimi għas-sajd bl-għeżula tal-qiegħ għall-barbun imperjali u għall-konservazzjoni taċ-ċetaċji fil-Baħar l-Iswed adottata mill-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) fis-37 sessjoni tagħha (Split, Mejju 2013).
- Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/39/2015/3 li tistabbilixxi sett ta' miżuri li jevitaw, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed adottata mill-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) fid-39 sessjoni tagħha (Milan, Mejju 2015).
- Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/39/2015/4 li tistabbilixxi miżuri għall-ġestjoni tal-mazzola griża fil-Baħar l-Iswed adottata mill-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) fid-39 sessjoni tagħha (Milan, Mejju 2015).
- Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/40/2016/6 dwar il-monitoraġġ, il-ġestjoni u l-kontroll xjentifiku tas-sajd għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed adottata mill-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) fl-40 sessjoni tagħha (San Ġiljan, Mejju-Ġunju 2016).

- **Konsistenza ma' politiki u ma' għanijiet oħra tal-UE**

Il-miżuri proposti huma konformi mal-għanijiet u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Ġbir u użu tal-għarfien esperti**

### L-organizzazzjonijiet/l-esperti ewlenin ikkonsultati

L-organizzazzjoni xjentifika kkonsultata hija l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STEFCF).

Kull sena, l-Unjoni titlob lill-STEFCF għal parir xjentifiku dwar il-qagħda ta' stokkijiet importanti tal-ħut. L-STEFCF jagħti l-parir tiegħu billi jsegwi t-termini ta' referenza li jirċievi mingħand il-Kummissjoni. L-istokkijiet kollha tal-Baħar l-Iswed li għalihom huma proposti kwoti se jkunu koperti mill-parir l-aktar reċenti u preċiż fiż-żmien tad-diskussjoni ta' din il-proposta fil-Kunsill.

L-għan aħħari tal-Unjoni huwa li ġġib u żżomm l-istokkijiet f'livelli li jistgħu jwasslu r-Rendiment Massimu Sostenibbli (Maximum Sustainable Yield/MSY). Dan l-għan ġie inkorporat b'mod espliċitu fir-regolament bażiku l-ġdid tal-PKS, li l-Artikolu 2(2) tiegħu, jgħid li dan l-għan "għandu jintlaħaq sal-2015, fejn hu possibbli, u [...] mhux iktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha". Dan jirrifletti l-impenn li ħadet l-Unjoni fir-rigward tal-konklużjonijiet tas-Samit Dinji tal-2002 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li sar f'Johannesburg u l-Pjan ta' Implimentazzjoni marbut miegħu.

### **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-partijiet interessati ġew ikkonsultati permezz tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq il-Konsultazzjoni dwar l-oportunitajiet tas-sajd għall-2017. Il-bażi xjentifika għall-proposta se tingħata mill-STEFC. Ir-rapporti kollha tal-STEFC huma disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ MARE.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Abbażi tal-parir xjentifiku, il-miżuri proposti se jirriżultaw fiż-żamma tal-oportunitajiet attwali tas-sajd fir-rigward tal-volumi tal-qbid għall-bastimenti tal-UE fil-Baħar l-Iswed. Ir-riskju ta' impatt negattiv fuq l-irkupru tal-popolazzjoni tal-istokk huwa llimitat b'miżuri ta' kontroll addizzjonali introdotti u implimentati mir-Rumanija u mill-Bulgarija biex jikkonformaw mal-impenji tagħhom mogħtija minn dawn l-Istati Membri fil-kuntest tal-adozzjoni tar-Regolament li jstabbilixxi l-oportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed.

Il-proposta ma tirriflettix biss tħassib għal żmien qasir iżda hija wkoll parti minn approċċ aktar fit-tul li matulu l-livell tas-sajd jiġi adattat gradwalment għal livelli ta' sostenibbiltà fit-tul.

Għaldaqstant, l-approċċ meħud fil-proposta jista' jwassal għal tnaqqis fl-isforz tas-sajd fi żmien medju sa aktar fit-tul, iżda li fit-tul jista' jwassal għal kwoti stabbli jew li jiżiedu. Il-konsegwenzi tal-approċċ fit-tul huma mistennija jkollhom impatt imnaqqas fuq l-ambjent minħabba l-adattament fl-isforz tas-sajd u minħabba l-istess ammont jew ammont akbar ta' ħatt l-art. Is-sostenibbiltà tal-attivitàjiet tas-sajd se tiżdied fuq żmien twil.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA**

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Il-proposta tistabbilixxi l-limiti tal-qbid applikabbli għas-sajd tal-UE fil-Baħar l-Iswed sabiex jintlaħaq l-għan tal-Politika Komuni tas-Sajd li jiġi żgurat sajd f'livelli li huma bijoloġikament, ekonomikament u soċjalment sostenibbli.

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-obbligi tal-Unjoni għall-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin jirriżultaw mill-obbligi stipulati fl-Artikolu 2 tar-regolament bażiku tal-PKS.

- **Prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Il-Politika Komuni tas-Sajd hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-TFUE hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta l-miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

Ir-Regolament tal-Kunsill propost jalloka l-opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri. B'kont meħud tal-Artikolu 16(6) u (7) u tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, kull Stati Membru huwa liberu li jalloka dawn l-opportunitajiet lil bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu skont kif jidhirlu xieraq. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom spazju kemm iridu biex jimmanuvraw dwar deċiżjonijiet relatati mal-mudelli soċjali u ekonomiċi tal-għażla tagħhom biex jisfruttaw l-opportunitajiet tas-sajd allokatilhom.

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja ġdida għall-Istati Membri. Dan ir-Regolament huwa adottat mill-Kunsill kull sena, u l-mezzi pubbliċi u privati għall-implimentazzjoni tiegħu diġà jinsabu fis-seħħ.

- **Għażla tal-istrumenti**

L-istrumenti proposti: Regolament.

Din hija proposta għall-ġestjoni tas-sajd abbażi tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE u skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1380/2013.

#### **4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-Unjoni.

#### **5. ELEMENTI FAKULTATTIVI**

- **Simplifikazzjoni**

Il-proposta tkompli tipprovdi għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi (tal-UE jew nazzjonali), minħabba li fiha dispożizzjonijiet simili għal dawk tar-Regolament tal-2016 dwar l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar l-Iswed.

- **Klawsola ta' rieżami/reviżjoni/estinzjoni**

Il-proposta tikkonċerna Regolament annwali għall-2017 u għalhekk ma tinkludix klawsola ta' reviżjoni.

- **Spjega Dettaljata**

Il-proposta tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 għal ċerti stokkijiet jew gruppi ta' stokkijiet għas-sajd tal-Istati Membri fil-Baħar l-Iswed.

L-obbligu ta' ħatt l-art għall-istokkijiet maqbuda f'ċerti attivitajiet tas-sajd għandu jkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2015. Fil-Baħar l-Iswed dan is-sajd ikopri s-sajd pelaġiku zġħir, jiġifieri s-sajd għal-laċċa kaħla, li huwa wieħed mill-istokkijiet bil-kwoti f'dan ir-Regolament. Mill-1 ta' Jannar 2017, l-obbligu ta' ħatt l-art għandu japplika għall-qabdiet kollha ta' speċijiet li jiddefinixxu s-sajd fil-Baħar l-Iswed.

Bl-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-opportunitajiet tas-sajd proposti għandhom jirriflettu l-bidla mill-ammont li nħatt l-art għall-ammont maqbud. Dan isir abbażi tal-parir xjentifiku mogħti għall-istokkijiet tal-ħut fl-attivitajiet tas-sajd, kif imsemmi fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti wkoll skont l-Artikolu 16(1) (li jirreferi għall-prinċipju tal-istabbiltà relattiva) u skont l-Artikolu 16(4) (li jirreferi għall-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd u għar-regoli previsti fil-pjanijiet pluriennali). Iċ-ċifri proposti jirriflettu l-parir xjentifiku u l-qafas għall-istabbiliment tal-kwoti deskritti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq il-Konsultazzjoni dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016.

Billi l-intenzjoni tal-Kummissjoni hija li tiżgura l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, f'konformità mal-politika u mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni filwaqt li l-opportunitajiet tas-sajd jinżammu stabbli, safejn huwa prattiku l-varjazzjonijiet annwali fl-opportunitajiet tas-sajd huma limitati sabiex jitqies l-istatus ta' stokk partikolari.

Fin-nuqqas ta' TAC miftiehem bejn il-pajjiżi max-xtut tal-Baħar l-Iswed, u l-kwoti awtonomi tal-UE allokatil lill-Istati Membri jinsabu fl-Anness I tar-Regolament propost.

Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill(KE) Nru 847/96<sup>5</sup>, huwa propost li l-Artikoli 3 u 4 ma japplikawx għall-istokkijiet koperti minn dan ir-Regolament. Madankollu, skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 il-flessibbiltà ta' sena b'sena stipulata fl-istess Artikolu tapplika għall-istokkijiet koperti bl-obbligu ta' ħatt l-art.

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 43(3) tat-Trattat jipprevedi li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.
- (2) Ir-Regolament(UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> jeżiġi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni filwaqt li jittieħed kont tal-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inklużi, fejn ikunu rilevanti, rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STEFC).
- (3) Il-Kunsill għandu d-dmir li jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont is-sajd jew il-grupp tas-sajd fil-Baħar l-Iswed, inklużi ċerti kundizzjonijiet li huma funzjonalment marbuta magħhom, kif xieraq. Skont l-Artikolu 16(1) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu mqassma fost l-Istati Membri b'tali mod li tiġi żgurata l-istabbiltà relativa tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk ta' ħut jew żona tas-sajd u skont l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd stabbiliti fl-Artikolu 2(2) tal-istess Regolament.
- (4) L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, b'kunsiderazzjoni ta' aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi filwaqt li jkun żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjonijiet espressi fil-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.
- (5) Għas-sajd tal-laċċa kaħla, l-obbligu ta' ħatt l-art imsemmi fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 japplika mill-1 ta' Jannar 2015. L-Artikolu 16(2) ta' dak ir-Regolament jistipula li, meta jiddaħħal l-obbligu ta' ħatt l-art rigward stokk partikolari ta' ħut, l-opportunitajiet tas-sajd iridu jiġu stabbiliti billi tiġi kkunsidrata l-

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

bidla mill-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd li jirriflettu l-ħatt l-art għall-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd li jirriflettu l-qabdiet.

- (6) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd kif stabbiliti f'dan ir-Regolament għandu jkun soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009<sup>2</sup> u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tan-notifika tad-dejta dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, jeħtieġ li jkunu speċifikati l-kodiċijiet li l-Istati Membri jridu jużaw meta jibagħtu d-dejta lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament.
- (7) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96<sup>3</sup>, jeħtieġ li jiġu identifikati l-istokkijiet li huma soġġetti għall-miżuri varji msemmija fih.
- (8) Sabiex tkun evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u sabiex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, huwa importanti li fl-1 ta' Jannar 2017 jinfetħu t-tipi tas-sajd inkwistjoni fil-Baħar l-Iswed. Għal raġunijiet ta' urġenza, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu.
- (9) L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jintużaw f'konformità sħiħa mal-liġi applikabbli tal-Unjoni.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## **KAPITOLU I**

### **Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet**

#### **Artikolu 1**

##### **Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tal-Bulgarija u tar-Rumanija għas-sena 2017 għal ċerti stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed.

(a) Barbun Imperjali (*Psetta maxima*)

(b) Laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*)

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

Artikolu 2  
**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fil-Baħar l-Iswed.

Artikolu 3  
**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "GFCM" tfisser il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran;
- (b) "Il-Baħar l-Iswed" tfisser is-subżona ġeografika 29 kif iddefinita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>;
- (c) "bastiment tas-sajd" tfisser kull bastiment mġammar għall-isfruttament kummerċjali tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;
- (d) "bastiment tas-sajd tal-Unjoni" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru u rreġistrat fl-Unjoni;
- (e) "stokk" tfisser riżorsa bijoloġika tal-baħar li tinsab f'żona ta' ġestjoni partikolari;
- (f) "kwota awtonoma tal-Unjoni" tfisser limitu tal-qabdiet allokat b'mod awtonomu lil bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fin-nuqqas ta' qbil dwar TAC.
- (g) "valutazzjonijiet analitiċi" tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, abbażi ta' dejta dwar il-bijoloġija u l-isfruttament tal-istokk, li l-analiżi xjentifika tkun indikat li hija dejta ta' kwalità biżżejjed biex abbażi tagħha jingħata parir xjentifiku dwar l-għażliet għall-qabdiet futuri;

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

## **KAPITOLU II**

### **Opportunitajiet tas-sajd**

#### **Artikolu 4**

#### **Allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd**

Il-kwoti awtonomi tal-UE għall-bastimenti tal-Unjoni, l-allokazzjoni ta' tali kwoti fost l-Istati Membri, u l-kundizzjonijiet funzjonalment marbuta magħhom, fejn xieraq, huma stabbiliti fl-Anness

#### **Artikolu 5**

#### **Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet**

L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stipulat f'dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

- (a) skambji magħmula skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- (b) tnaqqis u riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
- (c) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

#### **Artikolu 6**

#### **Kundizzjonijiet għall-ħatt l-art tal-qabdiet u tal-qabdiet aċċessorji mhux soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art**

Il-qabdiet u l-qabdiet aċċessorji tal-barbun tat-tbajja' għandhom jinżammu abbord jew jinħattu l-art biss jekk il-qabdiet isiru minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru li għandu kwota, liema kwota ma tkunx eżawrita.

## **KAPITOLU III**

### **Dispożizzjonijiet finali**

#### **Artikolu 7**

#### **Trażmissjoni tad-dejta**

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jibagħtu dejta lill-Kummissjoni relatata mal-ħatt l-art ta' kwantitajiet ta' stokkijiet maqbuda, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8  
**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill  
Il-President